18 ta' Frar, 1946.

**Imħallfin:**

Is-S. T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

**Dr. Filippo Nicolò Buttigieg et. ne.**

***versus***

**Jessie sive Giuseppina Philips**

**Fidejussjoni — Mara Miżżewġa — Minuri — Rilevanza — Digriet tas-Sekond'Awla — Kuntratti magħmula bis-saħħa tiegħu — *Art. 2076* tal-Kodiċi *Ċivili*, u art. 551 u 552 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Id-digrieti tas-Sekond'Awla ma jagħmlux validi l-obbligazzjonijiet ta' nisa miżżewġa jew minuri f'kuntratti li fihom ikun hemm l-obbligu espress ta' ħadd ieħor li jirrileva lil dawk in-nisa jew minuri, kemm il-darba l-kuntratt ma jiġix reġistrat fir-Reġistru Publiku fiż-żmien ta' xahar mid-data tad-digriet jew mill-ġurnata li tkun ġiet mogħtija fid-digriet.*

*Kull digriet ta' awtorizzazzjoni jew permess għal kull konvenzjoni jew rinunzja ma jibqax iseħħ kemm il-darba l-att tal-konvenzjoni jew rinunzja ma jsirx fiż-żmien ta' xahrejn minn dak in-nhar tad-digriet jew mill-ġurnata mogħtija fid-digriet.*

*Jekk kuntratt minn dawk fuq imsemmijin huwa annullabili għax ma ġiex inskritt fi żmien xahar, jista' jiġi sanat b'att ieħor ta' ratifika li jsir bid-debita awtorizzazzjoni; u dan il-kuntratt sanatorju mhux meħtieġ li jsir fi żmien xahar, jekk tkun ġa saret t-*

*inskrizzjoni bis-saħħa tal-kuntratt li kien annullabili, imma huwa biżżejjed li jsir fi żmien xahrejn mid-digriet jew mill-ġurnata mogħtija fid-digriet.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-atturi fil-kwalità tagħhom ta' kuraturi tal-wirt ġjaċenti ta' William Rutter, quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re, fejn talbu li jiġu awtorizzati jipproċedu għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt in atti Giovanni Chapelle tas-27 ta' Lulju 1933 għall-ħlas ta' £400. 19. 7, sorti dovuta u imgħax tal-ħamsa fil-mija fis-sena relativi, mid-data tal-kuntratt sad-data tal-pagament, non ostanti li għaddew aktar minn tliet snin mid-data li fiha l-istess kuntratt seta' jiġi eżegwit; bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-mandat tas-sekwestru tat-12 ta' Diċembru 1943;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re fid-29 ta' Mejju 1945, fejn irrespinġiet l-eċċezzjoni tan-nullità tal-garanzija, mingħajr taxxa ta' l-ispejjeż, u rrespinġiet l-eċċezzjoni ta' l-estinzjoni tal-garanzija in bażi għall-art. 1732 ta' l-Ord. VII ta' l-1868, bl-ispejjeż kontra l-konvenuta: wara li kkunsidrat;

Fuq l-ewwel eċċezzjoni, li peress il-kuntratt tas-27 ta' Lulju 1933 ma kienx sar fi żmien ta' xahar mill-ġurnata tad-digriet, u għalhekk ma ġiex reġistrat f'dak iż-żmien fir-Reġistru Publiku, dik in-nullità ġiet sanata bil-konferma jew ratifika da parti tal-konvenuta b'att rivestit mill-formalità sostanzjali rikjesti għall-att konfermat, u wara awtorizzazzjoni tal-Qorti;

Fuq it-tieni eċċezzjoni, illi skond l-interpretazzjoni mogħtija mid-dottrina u l-ġurisprudenza lill-art. 1732 fuq imsemmi l-liberazzjoni tal-fidejussur ma hemmx lok għaliha jekk mhux meta dan ikun, bi kliem ċar, anzi bi klawsola appożita u distinta, illimita l-obligazzjoni tiegħu għaż-żmien mogħti lid-debitur (ara sentenza tal-Prim'Awla tal-21 ta' Novembru 1904 "Sultana vs. Dr. G. Agius", u sentenza ta' din il-Qorti tat-13 ta' Marzu in re "Parthenis vs. Trapani", Vol. XIX, II, p. 69, u I, p. 78); illi fil-każ ma hemmx klawsola appożita u distintiva minn dik li tistabbilixxi ż-żmien għall-adem-

piment ta' l-obligazzjoni *principali*; tant huwa hekk illi l-istess konvenuta trid tirrikava dik il-limitazzjoni minn diversi espressjonijiet użati fil-kuntratt li minnhom xejn ma jista' jkun dedott hlief id-dilazzjoni ta' sena mid-diviżjoni ta' l-immobili appartenenti lill-assi tal-Barunissa Calici Casolani, li tagħha l-konvenuta hija waħda mill-erbgħa werrieta, għall-ħlas tal-kapital u interessi, u li għalihom il-konvenuta ikkostitwiet ruħha garanti solidali ma' żewgħha; u huwa ċert li dik il-limitazzjoni ma tirriżultax minn kliem ċar; illi jidher *biż-żejjed* ċar illi dik id-dilazzjoni ġiet mogħtija biex il-konvenuta jkollha moħħa kwiet li ma jsirux proċeduri eżekutivi qabel ma *tkun fi grad li tħallas*;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuta u l-petizzjoni tagħha fejn talbet ir-revoka ta' dik is-sentenza, billi tilqa' ż-żewġ eċċezzjonijiet mogħtija minnha u għalhekk tiġi respinta t-talba ta' l-atturi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Tikkunsidra fuq l-ewwel eċċezzjoni;

Illi skond l-art. 551 tal-Kodiċi tal-*Proċedura Ċivili*, id-digrieti tas-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili ma jagħmlux validi l-obligazzjonijiet ta' nisa jew ta' minuri f'kuntratti li fihom ikun hemm l-obligu espress ta' ħadd ieħor li jindennizza lil dawn in-nisa jew minuri, kemm il-darba dawn il-kuntratti ma jiġux reġistrati fir-Reġistru *Publiku fi żmien* xahar *minn* dak in-nhar tad-digriet jew mill-gurnata li tkun ġiet mogħtija fid-digriet. Il-fundament razzjonali ta' din id-dispożizzjoni qiegħed kollu fil-protezzjoni li l-liġi trid tagħti lin-nisa miżżewġa u lill-minuri, biex dik ir-rilevanza li favur tagħhom tkun għandha toħroġ tiġi maħruġa fi żmien xahar mid-data tad-digriet; għaliex diversament bi żmien iżjed twil dawk il-persuni jistgħu eventwalment jiġu preġudikati fl-interessi tagħhom per mezz ta' iskrizzjonijiet ipotekarji li jkunu jistgħu joħorġu kontra persuni li kontra tagħhom għandha toħroġ ir-rilevanza;

Tikkunsidra;

Illi għalhekk, biex wieħed jista' jeżamina jekk it-tieni kuntratt tar-ratifika kellux ikun inskritt fi żmien ta' xahar

jew ta' xahrejn, hemm bżonn illi tkun il-kwistjoni kollha impernjata fuq dak il-fondament razzjonali tad-dispożizzjoni; għaliex jekk il-leġislatur ikun ried jasal, u effettivament wasal, għall-fini prefiss b'dik id-dispożizzjoni, allura jista' ma jkunx applikabili iżjed dak l-art. 551 fuq imsemmi u jiġi applikat l-art. ta' wara, 552, li huwa iżjed ġenerali u li jgħid illi kull digriet ta' awtorizzazzjoni jew permess għal kull konvenzjoni jew rinunzja ma jibqax iseħħ kemm il-darba l-att tal-konvenzjoni jew rinunzja msemmi fid-digriet ma jsirx fi żmien ta' xahrejn minn dak in-nhar tad-digriet jew mill-gurnata mogħtija fid-digriet;

Tikkunsidra;

Illi peress illi l-kuntratt tas-27 ta' Lulju 1933 minn fejn kellha toħroġ rilevanza favur l-appellanti u kontra żewġha sar in eżekuzzjoni tad-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili tal-31 ta 'Diċembru 1932, rinnovat b'digriet ieħor tad-29 ta' Marzu 1933, u għalhekk meta kien skada x-xahar kontemplat f'dak l-artikolu tal-liġi, sar rikors ieħor quddiem dik il-Qorti biex ikun ratifikat dak kollu li sar per mezz ta' l-ewwel kuntratt; u l-Qorti tat dik l-awtorizzazzjoni per mezz ta' digriet ieħor tas-27 ta' Marzu 1934, u l-kuntratt relativ sar fil-25 ta' Mejju 1934, meta kien għalaq ix-xahar iżda ma kienux għalqu xahrejn minn dak id-digriet;

Kieku ma kienx hemm l-inskrizzjoni tar-rilevanza diġà maħruġa fir-Reġistru Publiku kontra r-raġel ta' l-appellanti a favur tagħha in forza tal-kuntratt tas-27 ta' Lulju 1933 u l-inskrizzjoni tal-kontenut ta' dan il-kuntratt l-appellanti kien ikollha raġun, għax allura l-inskrizzjoni kellha bil-fors toħroġ fi żmien xahar mid-data tad-digriet tas-27 ta' Marzu 1934; iżda dik l-inskrizzjoni kienet teżisti, a parti l-annullabilità tagħha, in forza ta' dak li jgħid l-art. 551 fuq imsemmi; għalhekk meta l-Qorti tat id-digriet tas-27 ta' Marzu 1934 biex jiġi kollox ratifikat, dik ma kenitx ħaġ'oħra ħlief awtorizzazzjoni biex issir dik il-konvenzjoni tar-ratifika ta' dak kollu li kien sar per mezz tal-kuntratt tas-27 ta' Lulju 1933, mentri l-inskrizzjoni fir-Reġistru Publiku kienet qiegħda teżisti, u għalhekk ma kellhiex bżonn issir inskrizzjoni ġdida. Dik ir-rati-

fika, li ċertament kellha ssir per mezz ta' att pubbliku debitament awtorizzat, ikkonvalidat dak kollu li kien invalidu, iżda dina r-ratifika ma kellhiex bżonn issir fi żmien xahar, la darba dak kollu li kien kontenut fil-kuntratt tas-27 ta' Lulju 1933 *kien inskritt fir-Reġistru Publiku; u għalkemm kien invalidu,* iżda sar validu per mezz tar-ratifika. Imbagħad f'materja simili, huwa applikabili l-prinċipju "interpretatio in dubio capienda est semper ut actus et dispositio valeant potius quam pereant", u l-prinċipju l-ieħor li peress li n-nullità hija piena hija ta' interpretazzjoni rigoruża — "interpretatione legum poenae molliendae sunt potius quam asperandae" (L. 42, Dig. XLVIII, 19);

Tikkunsidra fuq it-tieni eċċezzjoni;

*Illi skond l-art. 2067 tal-Kodiċi Civili l-pleġġ li jkun illimita* l-pleġġerija tiegħu għall-istess żmien li kien ġie mogħti lid-debitur prinċipali, jibqa' obligat għaż-żmien indikat f'dak l-artikolu; għalhekk il-kwistjoni qiegħda kollha jekk l-appellanti kienetx *illimitat il-garanzija* tagħha għal żmien ta' sena, dilazzjoni li kienet ġiet mogħtija lid-debitur prinċipali. Peress li l-atturi kienu ssekwestraw is-salarju jew il-pensjoni tar-raġel ta' l-appellanti, din, biex hija u r-raġel joħorġu minn dik il-pożizzjoni hekk prekarja, ipproponiet illi hija tagħmel *garanzija solidali mar-raġel tagħha, purkè l-eżekuzzjoni ma* ssirx bħief fuq ċerti beni, jekk mhux wara sena mid-diviżjoni tal-beni tal-Barunissa Cafici Casolani, li ta' din kienet werrieta ma' oħrajn l-istess appellanti. Dana sar evidentement, kif *tajjeb irriteniet l-Ewwel Qorti*, biex l-atturi jagħtu opportunità lill-appellanti li tkun tista' tħallas dak id-debitu per mezz tal-beni li jkunu ġew assenjati lilha mid-diviżjoni ta' dawk il-beni, u għalhekk taw żmien ta' sena minn dik id-diviżjoni. Iżda mill-kuntratt ma jidherx illi dik il-garanzija ġiet *limitata għal dak iż-żmien kif tippretendi l-appellanti, għaliex* kieku kien diversament dan kellu jkun indikat mhux permezz ta' espressjonijiet ekwivoċi, li anzi jwasslu, kif intqal iżjed 'il fuq, għall-konklużjoni opposta fuq imsemmija, iżda permezz ta' espressjonijiet *ċari u klawsola* appożita skond il-ġurisprudenza ċitata mill-Ewwel Qorti, u skond is-sentenza

mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Mejju 1904 in re "Vella vs. Psaila" u sentenzi hemm ċitati;

Għal dawn ir-ragunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti;

Tirrespinġi l-appell tal-konvenuta u għalhekk tirrespinġi l-eċċezzjonijiet fuq imsemmija, u għalhekk tikkonferma s-sentenza li minnha hemm appell; u in vista taċ-ċirkustanzi tal-każ tordna illi l-ispejjeż ta' dan l-appell ma jkunux taxxati bejn il-partijiet, id-dritt tar-reġistru jitħallas mill-appellant.